**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

19 **ta' Mejju 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 14 għad-disa' leġislatura onlajn fuq join meeting

| | |
|---|---|
| **14.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **14.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 14.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 13 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 14.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 13, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 13 ġew approvati mil-kunsilliera Joline Attard u ġew issekondti mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **14.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 14.03.01 | Is-.Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni minn għand il-PA dwar ir-restawr tan-niċċa ta' Porto Salvu ġie approvat. |
| 14.03.02 | Iis-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti li Saret konferenza stampa fejn attenda il-ministru Jose Herrera sabiex jassisti għall-iffumigar fit-toroq mil-kumpanija Sanondaf u sabiex jirringrazzja lil Bad Boy Cleaners dwar l-inċentiv tal-kumpanija Bad Boy Cleaners sabiex ingħata dispenser għal-sanitiser lil kull ħanut fil-lokal tal-Isla. |
| 14.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li L-Erbgħa 6 ta' Mejju 2020 kellu laqgħa mas-Sur Ray Bezzina Chairman tal-Festi *Ċentinarji 2020 u mas-Segretarja Maruska Bugeja dwar il-Programm tal-festi fejn kellimna x'ser isir u fejn il-kunsill lokali jista jkun ta' għajnuna.* *Laqgħa oħra mas-Sur Ray Bezzina u Stefan Azzopardi saret ħabba Attivita f' Jum l-Isla 2020 sabiex l-attivitajiet isiru bejn il-festa u l- Kunsill lokali . Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar ser tibda tkun f'dawn il-laqgħat peres li huma kulturali. Is-Sindku ser jieħu nota sabiex jar jekk il-viċi Sindku jistax ikun presżenti peress li għandu id-dekasteru taż-żagħżagħ.* |
| 14.03.04 | Is-Sindku ikkomunika li l-Ħamis 14 ta' Mejju 2020 saret laqgħa tal-Kottonera Foundation fejn ġie diskuss Pjan ta' Ħidma Sena 2020/2021 fejn fosthom ser isiru dawn ix-xogħolijiet – |

| | |
|---|---|
| | Restawr tal-Knisja tas-San Filippu, Każin tal-Banda u restawr tan-*niċeċ fil-lokalita sena 2020.* Ir-restawr tan-*niċeċ fil-lokalita huma l- Mina tal-Porto Salvu, is-saqaf tal-paroċċa w is-sur tan niżla ta' Bolier Wharf .* |
| 14.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li saret laqgħa mas-sinj. Anna Spiteri, s-sinj. Marica Boxman u s-s*egretarju eżekuttiv* minħabba t-tender tal-*Greening Urban Areas* fejn għamlu dawra mil-Isla biex jieħdu idea ukoll tax-xoghol. Ser nergu naghmlu laqgħa oħra sabiex nibdew it-tender għaliex din sa Novembru trid tkun lesta. |
| 14.03.06 | Is-Sindku ressaq cirkulari Cir AKL 2020/049 Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji mitfuħa għar-residenti zgħar u kbar fil-lokalitajiet taghna. Il-Kunsill Lokali bagħat imejl li aħna interssati. |
| 14.03.07 | Is-Sindku ikkomunika li l-Ħadd beda jitqassam il-ktieb bl-isem Triqat il-belt Senglea li ġie ippublikat għal-Jum L-Isla 2020. |
| 14.03.08 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fit-13 ta Mejju 2020 iddiskuta mas-Sur Ramon Deguara sabiex jitranġaw is-slielem tal-Baħar fil-ponta tal-Isla. |
| 14.03.09 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv bagħatu imejl fl-14 ta' Mejju 2020 lil Ministru Ian Borg u lis-Sur Frederick Azzopardi dwar l-istat li tinsab fiha Triq il-Vitorja u l-bankina ta' Triq iż-żewġ mini. |
| 14.03.10 | Is-Sindku talab l-opinjoni tal-kunsilliera sabiex jitwaħħlu Bollards fi Triq iż-Żewġ Mini k/m Triq San Pietru u San Pawl fuq linji sofor sabiex il-karrozzi ma jipparkjawx fil-kantunieri. Saqsa jekk jagħmlu f'kull kantuniera ta' Triq iż-Żewġ Mini, il-kunsilliera qablu unanimament. |
| 14.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li is-Sinjorina Corinne Buhagiar qed tieħu ħsieb titkellem mas-Sur Alan Camillieri rigward Nextbike għal lokalita tal-Isla, qed tikkomunika wkoll mal-kunsilli ta' Bormla, Birgu w l-Kalkara. Hemm applikazzjoni mill-ewropa fejn in-Nextbike ser japplikaw għal dan il-proġett tar-roti f'isem il-Kunsilli tal-Kottonera. Ġewwa l-Isla ser ikun hemm madwar 4 postijiet fejn issir dawn l-istations tar-roti. Anthony Bonavia issuġġerixa li jsir waħda fejn l-iskola, waħda il-maċina u l-oħra l-ponta. Dawn irridu jiġu diskussi aktar il-quddiem. |
| 14.03.12 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li kien hemm proposti sabiex il-grawnd tal-Ponta jieħdu ħsiebu is-sur Glenn Bonello u is-Sur Gary Inguanez, dawn huma lesti li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni li jinħtieġ u l-kunsill jieħu ħsieb li jixtri l-materjal, però isir kuntratt magħhom biex jagħmlu użu f'kull ġurnata għal skola tal-futbol. Il-Kunsillier Malcolm Gatt saqsa sabiex issir sejħa għar-residenti kollha tal-Isla sabiex ma jkunx |

| | |
|---|---|
| | hemm diskriminazzjoni mir-residenti u l-kunsilliera qablu dwar dan u li għandu jsir kuntratt bil-kundizzjonijiet. |
| 14.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li irċieva proposta minn għand kumpanija MYNT fejn tixtieq li tuża l-Gardjola sabiex tagħmel filmati storiċi u jitella xi festin fuq fb b'kollaborazzjoni mal-kunsill u jagħmel użu tal-logo tal-Kunsill mingħajr ħlas. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 14.03.14 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw il-kunsilliera dwar komunikazzjoni mal-Akl sabiex jintroduċu l-EPOS minn naħa tal-Bank of Valletta sabiex il-kunsill ikun jista jaċċetta ħlas bil-card. Il-Kunsilliera qablu dwar dan l-aranġament. |
| 14.03.15 | Il-Viċi Sindku issuġġerixa li ssir parking bay għall-mutur fi Triq iż-Żewġ Mini fejn hemm il-bollards k/m Triq San Pietru u San Pawl. Il-Kunsilliera approvaw dawn il-bollards u saru għaliex mhux qegħdin fuq il-bankina u qegħdin fuq yellow lines sabiex ma jipparkjawx fil-kantuniera. |
| 14.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet items li jridu jiġu kkanċelti mir-reġistru ta' l-Assi fissi, dawn huma:<br><br>Desks ta' l-uffiċċini<br>xkaffar<br>Tabelli<br>Siġġijiet u imwejjed imkissra<br>Siġġijiet ta' l-uffiċċini<br><br>Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 14.03.17 | Petia Zacheva bagħtitilna email li l-Kunsill ser jingħata fondi mill EU dwar il-Proġett - EUPA , Key Action 1 , Youth Mobility bin-numru ta' referenza: 2020-1-MT01-KA105-074123 |

| | |
|---|---|
| 14.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet Skeda tal-offerti għal-CCTV – Cameras Tal-Pjazza fejn sar ir-rapport ta l-evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-kunsill<br><br>000128909 Fire Tech Ltd 5,953.43<br><br>000128938 ISPY Projects 1,972.20<br><br>000128949 ISPY Projects 2,972.20<br><br>000129201 Alarmtech Ltd 2,850.00<br><br>000129211 G4S Security Service (Malta) Ltd 4,960.94<br><br>000129299 AIS Technology Ltd 3,908.00<br><br>Is-Sindku approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni u s-Sur Malcolm Gatt issekondah. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat l- Awarded u Rejected letters skond ir-rapport ta' l-evalwazzjoni. |
| 14.03.19 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet ir-rapport ta' l-Open Staff ta' l-<br>Open Gym datat 19.05.2020 fejn baghtet imejl lil kunsilliera ta Ranking tal-offerti ta din it-tender:<br><br>JGC Ltd € 13478.36<br>Urban Play Solutions € 15564<br>Projekte Global Ltd € 12446.03<br>Gokker Ltd € 13840<br>Opa ( Outdoor Play and Leisure ) € 13400<br><br>Is-Segretarju infurmat li t-tender tal-Mixed House Hold waste ser tagħlaq u tinfetaħ fid- 29.05.2020 |

| | |
|---|---|
| 14.03.20 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet ir-rapport ta' evalwazzjoni fil- 5 ta Mejju 2020<br><br>Tal-Contracts Manager<br><br>*ISLC/T/02/2020*<br><br>*PUBLICATION REF.: ISLC/T/02/2020 Services of a Contracts Manager for the Isla*<br><br>GCS Accounting Malta Limited 14,880.00<br><br>Adrian Mifsud BOOM Consultancy and Advisor 14,000.00<br><br>Renergy Limited David Bonello 12,000.00<br><br>David Bonello 19,985.00<br><br>Is-Sindku approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni u is-Sur Malcolm Gatt issekonda dan ir-rapport ta' evalwazjoni fejn dan il-kuntratt intrebaħ mill-kumpanija Renergy għaliex l-irħas offerta. |
| 14.03.21 | Is-segretarju Eżekuttiv resqgħet kwotazzjoni minn għand is-Sur Adrian Mifsud li huwa id-DPO tal-Kunsill li din ser €3,800 mingħajr VAT miżjud. Is-Sndkiu issuġerixa li nistennew għaliex ir-Reġjun ser joħroġ sejħa biex jinħatar DPO wieħed għall-Reġjun Xlokk. |
| 14.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imel lil Insurance Brokers fejn ġew infurmati li inkisret camera li l-kunsill kien għamel mal-ħajt tal-gardjola u s-segretarju eżekuttiv qed titlob rikompens tad-danni ta dan l-inċident. |
| 14.03.23 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ic-cirkulari Cir AKL 2020/039 Binjiet mixgħula ħomor - Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm - 14 ta' Ġunju 2020. Il-Kunsilliera qablu li jinxtgħel il-binja tal-kunsill bl-aħmar. |
| 14.03.24 | Is-Sindku issuġġerixħa li l-ħajt ta fejn ser issir l-open Gym jiġi invjat, kif ukoll terġa issir il-Mural li kien hemm mal-ħajt. Il-Kunsilliera qablu li jsir il-ħajt bl-invjar qabel ma jsir it-tapit għal-open gym. |
| 14.03.25 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar l-ilmenti tas-sleeping policeman fix-xatt. Is-Sur Malcolm Gatt irrispondha sabiex il-kunsill issib kompromess biex titnehha sleeping police man u terġa issir x'imkien ieħor. Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li TM ser jagħmel taħriġ dwar it-tabelli, sinjali tat-toroq u sleeping police man li huma skond il-liġi. Din is-sleeping policeman tiswa madwar €3000 biex titneħħa u terġa' issir |

| | |
|---|---|
| | għaliex huma tal-konkos u tar-rubber jiġu jiswew madwar €800 mingħajr VAT. Is-Sindku ħa nota sabiex mis-1:00 am sas 6:00 am ma jidħlux trakkijiet kbar għall boiler wharf. |
| 14.03.26 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku spjegaw f'hiex wasal il-proġett tal-pjazza. Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Clint Grech fejn qablu li kif issir il-garanzija bankarja mal-kunsill issir il-kuntratt u x-xogħol ikun jista jimbeda ġa la darba l-kuntrattur għamdu il-permessi kollha meħtieġa minn għand it-TM. Is-sdinku informa lil kunsilliera li m'hemmx bżonn issir laqgħa pubblika għaliex din kienet diġa saret u ħadd ma attenda għall din il-laqgħa. |
| 14.03.27 | Is-Sindlu informa lil kunsilliera li in-naħa tal-maċina qed ikun hemm ħafna li qed iħallu l-boroż suwed u dawn huma mis-sidien ta' l-opri tal-baħar. Is-Segretarju ta l-għaqda tad-dagħjjes ħareġ b'kompromess li issiru cameras fejn hemm l-opri tal-baħar u jekk ikun hemm xi abbuż jippreżentaw il-filmat. Il-Kameras saru fin-naħa tat-Terrace Houses u min ser jinqabad il-filmat ser jiġi ħreżentat lil LESA, |
| **14.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 14.4.1 | Ma kienx hemm |
| **14.5** | **Rapporti** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order* għax-xahar ta' Mejju 2020 fejn ġie approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mis-Sinj. Joline Attard. |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat *Letter of Representation* u *Management Letter* lil kunsilliera preżenti fejn spjegat xi nuqassijiet li sabu l-awdituri sabiex jiġu irranġati l-quddiem. |
| **14.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 14.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 5/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 14.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |

| 14.07 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
|---|---|
| **14.07.1** | Is-Seduta ntemmet fis-7:00p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta'Ġunju 2020 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 18 ta' Ġunju 2020

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv